**25 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Pio Cremona et.

*versus*

Calcedonio Ciantar

***Kummerċjant — Atti tal-Kummerċ — Kompetenza —* Art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ — Art. 37 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi tolqot preżunzjoni fis-sens li kull att ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li dak l-att ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ.*

*Imma billi anki kummerċjant jista' jagħmel attijiet li huma assolutament indipendenti mill-kummerċ, dik il-preżun-*

*zjoni tista' tiġi kombattuta bi prova kuntrarja, ċjoè bil-prova illi l-att in kwistjoni mhux konness mal-kummerċ tal-kummerċjant li għamlu.*

*Iżda minn naħa l-oħra, il-liġi tirrestrinġi din il-prova kuntrarja f'ċerti limiti, b'mod li l-istess prova mhix assolutament "juris tantum", imma hi klassifikata mal-preżunzjonijiet misti; billi, jekk l-att sar bil-miktub, il-prova kuntrarja għandha tiġi rikavata mill-istess att, mentri, jekk l-att ma jkunx sar bil-miktub, l-istess prova għandha tiġi rikavata miċ-ċirkustanzi konkomitanti għall-istess att, li jkunu magħrufa mill-partijiet li ħadu parti fih fil-mument stess li fih l-att ġie kompjut.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi, wara li ppremettew illi huma b'inkarigu tal-konvenut, għamlu xogħolijiet tal-injam fid-dar "Calrose" f'Marina Wharf, tal-Pjetà, li huma deskritti fil-prospetti prodotti bħala dokumenti A. B. C. u D. mal-istess att ta' ċitazzjoni, stmati li jiswew £1680. 16. 8d. li minnhom il-konvenut ħallas diversi akkonti ammontanti komplessivament għas-somma ta' £1150; u li l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jħallas il-bilanċ kollu li għadu dovut, billi offra somma wisq iżgħar; talbu illi l-istess konvenut jiġi kundanna iħallas lilhom is-somma bianċjali ta' £530. 16. 8d a saldu tal-prezz tax-xogħolijiet fuq riferiti; bl-interessi legali, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Marzu 1962, li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, u ddikjarat ruħha nkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat, dwar dik l-eċċezzjoni;

Illi mill-provi jirriżulta li x-xogħolijiet fuq riferiti ġew mill-konvenut ordnati lill-atturi biex isiru, u fil-fatt saru, fid-dar tal-abitazzjoni tiegħu. u kwindi. għalkemm il-konvenut hu kummerċjant, l-att tiegħu, meta hu ordna

dawk ix-xogħolijiet, ma kienx għalieh att kummerċjali, billi, għalkemm *meta wieħed hu kummerċjant kull att tiegħu jitqies li hu att kummerċjali, iżda dik il-preżunjoni* tispiċċa meta mill-att stess jkun jidher li dak l-att ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ; u bil-kelma "att" ma għandux jiġi ntiż biss il-kirografu jew il-kuntratt li jikkontjeni l-obligazzjoni imma kull "vinculum juris" in ġenerali; u allura, meta l-att ikun jeżisti fil-forma miktuba, l-indizji biex jiġi pruvat li l-obligazzjoni kontemplata f'dak l-att mhix kummerċjali għandhom jiġu rikavati mill-istess att miktub; imma meta l-att ma jirriżultax mill-miktub, kif fil-fatt preżenti, il-fatt li dak l-att mhux kummerċjali jista', anzi għandu, jiġi deżunt mill-kumpless taċ-ċirkustanzi li jakkompanjawh, u li l-partijiet kienu jafu jew setgħu kienu jafu bihom; u l-prova ta' dawn iċ-ċirkustanzi tista' ssir, kif saret f'dan il-każ permezz ta' xhieda, għaliex tista' ssir bil-mezzi kollha li huma permessi mil-liġi;

Rat ir-rikors tal-atturi, li bih talbu li din il-Qorti tiddikjara liema hi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

*Il-konvenut* xehed quddiem din il-Qorti illi, meta hu ta' x-xogħol lill-attur hu qallu li ried ix-xogħol jitlesta f'ċertu żmien, għaliex hu kien imkeċċi minn fejn kien joqgħod u ried jagħmel ix-xogħol in kwistjoni preċiżament għaliex ried imur joqgħod fil-post bħala d-dar tal-abitazzjoni tiegħu. Il-konvenut għamel enfasi illi d-diskors fissens li hu *ried il-fond* fejn sar ix-xogħol għall-okkupazzjoni tiegħu, bħala dar tal-abitazzjoni, hu qalu lill-attur millbidu nett meta tah l-appalt. Żied jgħid il-konvenut illi f'dan il-fond hu qatt ma *eżerċita* ebda negozju u ma jużahx ħlief biex jgħammar fih;

Din ix-xhieda ma ġiet bl-ebda mod kontraddetta;

Fil-fehma ta' din il-Qorti huma dawn iċ-ċirkustanzi issa hekk riżultati li verament jiddeterminaw in-natura

mhux kummerċjali tan-negozju in kwistjoni; iċ-ċirkustanzi ċjoè illi, fil-mument tal-kuntratt il-partijiet kienu jafu, f'dan il-każ mid-dikjarazzjoni espressa tal-konvenut lill-attur, illi l-kuntratt kien estraneu għall-kummerċ;

Il-prinċipju legali li għandu jirregola kwistjonijiet simili ġie affermat minn din il-Qorti, b'konferma ta' dak li kienet qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, fil-kawża "Joseph Mifsud vs. Edward Spiteri", deċiża fil-21 ta' April 1961. Sostanzjalment dan il-prinċipju hu dak stess li enunċjat l-Ewwel Onorabbli Qorti anki fil-każ preżenti, illi ċjoè iċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu rigwardati huma dawk eżistenti fil-waqt tal-att, jew, kif qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, iċ-ċirkustanzi li jakkompanjaw l-att u li l-partijiet kienu jafu jew setgħu kienu jafu bihom;

Skond l-art. 37 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ il-kawżi kollha ta' natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ; iżda b'dan illi, meta l-att li fuqu tkun il-kawża hu kummerċjali għall-attur biss allura l-azzjoni li titnissel minnu tmiss lill-Qorti Ċivili. Biex inkunu nafu jekk l-att li fuqu hi l-kawża hux kummerċjali jew le (ħlief għal ċerti kawżi speċifikatament imsemmija fl-istess art. 37 u fl-art. 39 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u fl-art. 640 u 641 Kod. Kumm.), irridu nħarsu lejn dan l-aħħar Kodiċi, li, appuntu fl-art. 5 tiegħu, jenumera atti li huma effettivament atti tal-kummerċ, jagħmilhom min jagħmilhom, ċjoè sija jekk kummerċjant jew le,u fl-art. 7 jikkrea preżunzjoni ta' kummerċjalità ta' attijiet soġġettivament kummerċjali għax magħmula minn kummerċjant;

Dan l-aħħar artikolu jgħid hekk:— "Kull att ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li hu ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ";

Din hi dispożizzjoni ta' mportanza kbira. Id-distinzjoni bejn atti ta' kummerċ u dawk merament ċivili għandha mportanza prattika kbira mhux biss għall-finijiet tal-kompetenza, iżda wkoll taħt diversi aspetti oħra. Biżżejjed wieħed isemmi xi wħud minnhom, per eżempju l-applikab-

bilità tal-liġi in kwantu l-att tal-kummerċ hu il-ewwel lok regolat mil-liġijiet kummerċjali, u fin-nuqqas tagħhom mill-użi kummerċjali. mentri l-liġi ċivili tista' tapplika biss meta huma siekta tant il-liġijiet kemm l-użi kummerċjali. Ir-rata ta' mgħax hi għola fl-operazzjonijiet kummerċjali milli f'dawk ċivili. *Is-solidarjetà hi preżunta fin-negozji* kummerċjali;

Għalhekk hu utili li din il-Qorti terġa' tittratjeni ruħha dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-imsemmi art. 7 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. B'din id-dispożizzjoni, kif ġa ntqal, il-liġi ħolqot preżunzjoni ta' kummerċjalità tal-atti magħmulin minn kummerċjant, bażata fuq il-probabbilità illi l-attijiet kollha li hu jagħmel għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ. Hu però ċar illi anki kummerċjant jista' jagħmel attijiet li huma assolutament indipendenti mill-kummerċ, u li għandhom jaqgħu għalhekk taħt id-dominju esklużiv tad-dritt komuni. Kieku l-preżunzjoni kellha tiġi estiża għall-attijiet kollha tal-*kummerċjant mingħajr ma* jingħata każ ta' din il-possibbilità, kien ikun eċċess li jikkontraddiċi għar-realtà tal-ħajja. Il-leġislatur għalhekk kellu jammetti l-prova kuntrarja. Il-preżunzjoni li hu ħoloq mhijiex, per konsegwenza, minn dawk "juris et de jure", bħal ma hi dik impressa fuq l-atti obbjettivi tal-kummerċ. Iżda minn naħa l-oħra biex tiġi mħarsa l-kummerċjalità tal-att, u, *fuq kollox, biex jiġu ċirkoskritti fl-aħjar mod* possibbli il-kontestazzjonijiet li din il-prova kuntrarja neċessarjament iġġib magħha, il-liġi kellha tirrestrinġiha f'ċerti limiti. Jiġi għalhekk illi l-imsemmija preżunzjoni anqas tista' tingħad li hi assolutament sempliċi, jew "juris tantum". Fid-dottrina hi klassifikata fost il-preżunzjonijiet "misti", għaliex fil-waqt li hi ammessa l-prova kuntrarja, din il-prova tista' ssir "biss" b'ċerti modi determinati, speċifikatament ammessi mil-liġi. Ir-raġuni ta' dan, kif ġa ntqal, hi ċara. Skop tal-liġi meta kkreat il-preżunzjoni, kien li jiġu evitati jew imnaqqsa d-dubbji u l-inċertezzi. "Ammettendo liberamente qualunque specie di prova contraria alla presunzione di commercialità ne diverrebbe l'effetto di restringere a ben rari casi l'efficacia, e peggio ancora di suscitare quasi sempre nei giudizi commersiali eccezioni ed indagini preliminari sulla natura e lo scopo dell'atto per derivarne la competenza e le altre conseguenze giuridi-

che, e per l'indole inevitabilmente incerta variamente estimabile delle prove da raccogliersi sarebbe condannata sistematicamente una gran parte degli atti commerciali alla pericolosa incertezza dei litigi. Si è perciò mantenuto il concetto più sicuro e determinato che la presunzione cessi soltanto allorchè la prova contraria alla commercialità risulta dall'atto stesso" (Mancini);

L-artikolu fuq imsemmi tal-liġi tagħna jgħid illi "kull att" ta' kummerċjant jitqies li hu att kummerċjali eċċ. Hu magħruf illi dan l-artikolu, kif inhu issa, ġie ntrodott fil-liġi tagħna bl-Att nru. XXX tal-1927, li ġie modellat fuq proġetti u dottrina taljani (ara Progetto Preliminare per il Nuovo Codice di Commercio (1922) art. 3). Fl-interpretazzjoni tiegħu huma, għalhekk, ta' mportanza d-dottrina u l-kommenti tal-awturi taljani. L-art. 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ Taljan tal-1882 kien jgħid:— "Si reputano inoltre (ċjoè oltre l-atti obbjettivi elenkati fl-art. 3) atti di commercio gli altri contratti e le altre obbligazioni dei commercianti se non sono di natura essenzialmente civile, o se il contrario non risulti dall'atto stesso";

Dan l-artikolu mhux identiku kelma b'kelma għall-art. 7 tal-Kodiċi Tagħna, iżda għal dik li hija l-kwistjoni preżenti jixxiebhu, in kwantu li fit-tnejn jirrikorri r-rekwiżit illi l-prova kuntrarja għall-kummerċjalità tal-att trid tirriżulta mill-att stess. Kull att, mela, tgħid il-liġi, jekk magħmul minn kummerċjant, ċjoè minn bniedem li bi professjoni jagħmel f'ismu attijiet ta' kummerċ, jew minn soċjetà kummerċjali, jitqies li huwa kummerċjali "jekk mi" att stess ma jkunx jidher li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ". Kliem analogu għal dak sottolineat jirrikorri wkoll fl-art. 640 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jgħid illi huma ta' natura kummerċjali l-kontroversji dwar obligazjonijiet u kuntratti bejn kummerċjanti, jekk ma jidherx mill-att innifsu li l-affari hi purament ċivili;

Kif ġie rilevat fis-sentenza fuq imsemmija "Mifsud vs. Spiteri", u anki fis-sentenza ta' prima istanza fil-każ preżenti, "att innifsu" ("atto stesso") fil-kontest in diskussjoni ifisser in ġenerali n-negozju ġuridiku in kwistjoni — "quod actum est". Jekk in-negozju sar bil-miktub, huwa

mill-istess kitba li jridu jiġu rikavati l-indizji li jippruvaw ix-xorta mhux kummerċjali tal-obligazzjoni kontemplata fl-att. Jekk ma hemmx kitba, jew din hi ambigwa, jew ma tixħetx dawl fuq in-natura tal-att, allura jistgħu jsiru provi oħra biex jiġu rikavati ċ-ċirkustanzi "konkomitanti għall-att", li jiddeterminaw il-karattru ċivili tiegħu. L-iskop tal-prova hu li jiġi aċċertat illi, "fil-mument li fih ir-rapport ġuridiku twieled", il-partijiet kienu jafu, jew messhom kienu jafu, li ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ;

Kif jgħid il-Bolaffio, ċitat fis-sentenza fuq imsemmija:— "La conoscenza effettiva o presunta delle parti coeva al sorgere della obbligazione che questa era civile, è l'obiettivo della prova diretta a distruggere la presunzione di commercialità annessa agli atti compiuti da un commerciante i quali non sieno nè essenzialmente commerciali nè essenzialmente civili . . . . Documenti e circostanze devono avere per iscopo di accertare che, al momento in cui il rapporto giuridico è sorto, le parti sapevano o dovevano sapere che l'atto era civile";

Fuq dan ir-rekwiżit, illi ċjoè l-konoxxenza effettiva jew preżunta tal-partijiet trid tkun relatata għall-mument tat-twelid tal-obligazzjoni dan l-awtur jinsisti ripetutament; u dan bir-raġun, għax inkella l-iskop kollu tal-liġi jiġi frustrat, u lanqas il-kliem tal-liġi ma jibqagħlu ebda sens. Il-liġi ma qaletx illi l-att jitqies kummerċjali ħlief jekk jirriżulta l-kuntrarju, kif tgħid għar-rigward ta' diversi preżunzjonijiet oħra, iżda qalet "ħlief jekk mill-att stess ma jirriżultax li hu estraneu għall-kummerċ"; u ma jagħmelx sens li tippretendi li l-partijiet ikunu jafu jew imisshom ikunu jafu li l-att ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ ħlief in kwantu setgħu iħarsu lejn iċ-ċirkustanti tal-att li kienu jakkompanjawh fil-waqt li l-att sar;

Din hi dottrina ġenerali. Il-Vivante jgħid:— "La presunzione può essere combattuta; ma la legge l'ha rinforzata limitando il modo di combatterla. Imperrochè non si può provare che l'atto sia estraneo al commercio desumendolo da ogni circostanza, sia anteriore sia posteriore al contratto, nota od ignota ai contraenti, ma si deve desumerlo dalla sua natura giuridica essenzialmente civile o dalle cir-

costanze che nella specie formano parte integrale del contratto, nota od ignota ai contraenti, ma si deve devunerla jgħid:— "L'atto deve ritenersi estraneo al commercio quando, considerato nel momento di stipularlo, entrambi i contraenti avevano notizia o dovevano averla, il che torna lo stesso, che esso non poteva riferirsi al commercio dell'obbligato. Se dalle circostanze, che devono esaminarsi caso per caso, che ne accompagnano la conclusione, emerge questa mancanza di attinenza, esso è un atto civile, e le obbligazioni che ne derivano conservano carattere civile, finchè si estinguino ancorchè siano ceduti — "initium contractus spectandum est". Se invece quelle circostanze non escludono ogni relazione dell'affare coll'esercizio del commercio, lo si deve ritenere di indole commerciale" (ibid. § 92);

L-istess ħaġa jgħid Umberto Pipia, illi ċjoè biex l-att innifsu juri li hu estraneu għall-kummerċ, "devesi considerare solo il momento in cui il negozio giuridico divenne perfetto . . . . . occorre avere riguardo esclusivamente alle circostanze speciali note ai contraenti che sussistevano alla perfezione dell'atto . . . . Non è, per costoro, lecito por mente ad ogni circostanza anteriore o posteriore, nota od ignota, e nemmeno considerare incerti ed equivoci elementi estrinseci, affidati a prove presunzioni od indizi ancora da raccogliersi e che possono dar adito ad eludere la legge, per sfuggire a disposizioni e sanzioni stabilite nell'interesse generale del commercio" (Trattato di Dir. Comm. Vol. I, § 151);

Umberto Navarrini jesprimi l-istess konċett b'dawn il-kliem:— "Il legislatore vuole, e sta appunto qui il caratteristico dell'eccezione, che il commerciante, anche fuori del caso ora rammentato (ċjoè meta l-att fih innifsu hu essenzjalment ċivili) possa dimostrare che l'atto da lui compiuto non è commerciale; ma ad una condizione, che la dimostrazione si desuma senz'altro dall'atto stesso; si tratti, cioè di un atto, che potendo avere o no riferimento al commercio . . . . dal modo con cui è stato posto in essere, dall'intenzione manifestata o conosciuta, o presunta conosciuta dalla parte in tale momento, si conosca chiaramente e senza bisogno d'altro, che quel riferimento è escluso" (Trattato Tecnico Pratico di Dir. Comm. Vol. I § 190);

L-istess ħaġa jgħid Vittorio Scialoia:— "Sono pure esclusi dal disposto dell'art. 4 C. Comm. quegli atti i quali, quantunque per la loro essenziale natura possano avere attinenza all'esercizio mercantile, pure contengono in loro stessi la dimostrazione che in fatto non concernono punto l'esercizio commerciale da chi li compì. Nelle parole 'atto stesso' la legge ha voluto significare l'atto giuridico così come appare nel momento in cui è compiuto, e fatta completa astrazione da tutte quelle circostanze estrinseche e non apparenti al momento in cui fu posto in essere, che pur varrebbero a determinarne il vero carattere giuridico" (Dizionario Pratico del Diritto Privato, voce Atti di Commercio);

Hemm każijiet li fihom il-prova li trid issir b'dan ilmod li l-att, għalkemm magħmul minn kummerċjant, hu barrani għall-kummerċ, hi faċilissima, meta ċjoè si tratta ta' attijiet li huma essenzjalment ċivili fihom infushom, u dan b'mod assolutament evidenti għal kulħadd, bħal ma huma l-kuntratt taż-żwieġ, is-separazzjoni personali, kwistjonijiet ta' filjazzjoni, adozzjoni, it-testment, att ta' ċittadinanza, eċċ. Iżda l-aktar li d-dispożizzjoni tal-liġi in eżami takkwista rilevanza hu għal dawk l-attijiet li fihom infushom mhumiex la essenzjalment ċivili u lanqas oġġettivament u essenzjalment kummerċjali, bħal ma huma x-xiri jew bejgħ, il-mutwi, il-lokazzjoni, l-enfitewsi, eċċ. Hawn allura hu essenzjali li min irid jimpunja n-natura kummerċjali tal-att magħmul minn kummerċjant jeħtieġ, biex iwaqqa' l-preżunzjoni tal-liġi, li jidd mostra illi mid-dokumenti li bihom sar l-att, jew miċ-ċirkustanzi li fihom l-att sar, anki l-parti l-oħra kienet taf, jew messha kienet taf, li l-att ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ. Jiġi notat illi l-liġi ma tgħidx estraneu għall-kummerċ "abitwali" jew "ordinarju" jew "solitu" tal-kummerċjant, iżda, ġenerikament "estraneu għall-kummerċ". Hu magħruf illi l-kummerċjanti bosta drabi ma jillimitawx ruħhom għal ram wieħed biss tal-kummerċ. Kummerċjanti bħall-attur, li n-negozju abitwali tiegħu hu dak tal-karrozzi, jagħmlu ta' spiss negozju ta' xiri u bejgħ ta' bini jew negozji oħra dwar bini bħal ma hu xiri jew kiri ta' fondi għan-negozju. F'każijiet bħal dawn, mela, kif jesprimi ruħu n-Navvarrini, "si deve guardare al complesso della convenzione, al 'nego-

tium juris', all' "id quod actum est", oppure al fatto giuridico non contrattuale in sè stesso considerato . . . . . per definire, in mancanza di esplicita dichiarazione, la volontà delle parti; ogni dimostrazione tendente a provare la non commercialità, che si desumesse da altri elementi estranei, non avrebbe valore. E la ragione è ovvia e giustificabile, perchè altrimenti potrebbe, per vie traverse, perpetuarsi quello stato d'indecisione che il legislatore colla regola dell'art. 4 ha voluto troncare. Ed es. un commerciante ha conchiuso un mutuo passivo senza che risulti o sia nota la destinazione del denaro mutuato; il mutuo in tal caso è certamente un atto di commercio soggettivo, perchè, dall'atto stesso non apparendo quella destinazione, non si può desumere che esso non sia destinato ad uno scopo commerciale, anzi si presumerà essere fatto per facilitargli le sue operazioni commerciali. Invano si sforzerebbe il commerciante, per evitare il suo fallimento, per pagare un interesse legale minore, per non corrispondere gli interessi corrispettivi, e così via, a dimostrare che in realtà il denaro avuto in prestito gli è servito per un atto civile, ad es. per acquistare una villa, per dotare la figlia; sarebbe una dimostrazione che, non riattaccandosi al contenuto stesso dell'atto, quale si manifestava quando questo è sorto, sarebbe completamente inammissibile. Invece, se era dichiarata nell'atto di mutuo la destinazione non commerciale, o se anche, non comparendovi, si poteva desumere dalle circostanze emergenti dall'atto, note o da reputarsi tali alla parte, al momento della stipulazione il mutuo, data tale dimostrazione, sara' considerato civile, appunto perchè il non riferimento al commercio risulta dall'atto stesso" (ibid. § 190). Ara fl-istess sens tad-dottrina fuq esposta s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXXVII-III-684);

Issa, fil-każ preżenti l-att, ċjoè n-negozju ġuridiku li fuqu hi l-kawża, kien apalt ta' xogħol ta' njam għall-bini, ċjoè kuntratt li fih innifsu ma hux ta' natura essenzjalment ċivili. Il-konvenut, kif hu ammess, hu kummerċjant. Il-fatt li dak ix-xogħol kien għal dar fih innifsu ma jurix illi l-att kien estraneu għall-kummerċ; anki għaliex, kif ġa ntqal l-attur stess jagħmel ukoll negozji ta' bini. Vwoldiri, minn dawn iċ-ċirkustanzi biss ma jistgħax jingħad illi l-atturi

kienu jafu, jew messhom kienu jafu, illi l-att tal-konvenut kien barrani għall-kummerċ. Iżda, kif ġa ntqal, issa rriżulta illi, waqt il-kummissjoni tal-appalt, il-konvenut spjega lill-atturi illi x-xogħol kien iridu għad-dar tal-abitazzjoni privata tiegħu, u kwindi f'dan il-każ hemm ċirkustanza konkomitanti għall-att, u magħrufa mill-atturi, illi dak l-att ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ. Di fronti għal dan fil-każ preżenti taqa' l-preżunzjoni ta' kummerċjalità kreata mil-liġi;

Għal dawn il-motivi, u f'dan is-sens, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni raġġunta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u kwindi tikkonferma s-sentenza ta' dik il-Qorti, tiddikjara illi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li lilha għandhom jiġu mibgħuta l-atti. L-ispejjeż tal-inċident iħallsuhom l-atturi.